Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

2026/2023(INL)

25.3.2026

ABBOZZ TA' RAPPORT

b'rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar ir-riskji psikosoċjali, l-istress u s-saħħa mentali fuq il-post tax-xogħol
(2026/2023(INL))

Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

Rapporteur: Estelle Ceulemans

(Inizjattiva – Artikolu 47 tar-Regoli tal-Proċedura)

PR_INL_art42

WERREJ

Paġna

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW 3

ANNESS GĦALL-MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI: RAKKOMANDAZZJONIJIET DWAR IL-KONTENUT TAL-PROPOSTA MITLUBA.....10

NOTA SPJEGATTIVA 22

ANNESS: DIKJARAZZJONI TAL-KONTRIBUT 24

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

b'rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar ir-riskji psikosoċjali, l-istress u s-saħħa mentali fuq il-post tax-xogħol
(2026/2023(INL))

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 225 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE),

– wara li kkunsidra l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Artikoli 1, 3, 21, 31 u 35 tagħha,

– wara li kkunsidra l-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, b'mod partikolari l-Prinċipju 10 dwar ambjenti tax-xogħol tajbin għas-saħħa, sikuri u adattati sew,

– wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 89/391/KEE tat-12 ta' Ġunju 1989 dwar l-introduzzjoni ta' miżuri sabiex jinkoraġġixxu titjib fis-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema fuq ix-xogħol[1],

– wara li kkunsidra d-Direttiva (UE) 2019/1937 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2019 dwar il-protezzjoni ta' persuni li jirrapportaw dwar ksur tal-liġi tal-Unjoni[2],

– wara li kkunsidra d-Direttiva (UE) 2024/2831 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2024 dwar it-titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol fix-xogħol fuq il-pjattaformi[3], u b'mod partikolari l-Artikolu 12 tagħha;

– wara li kkunsidra d-Direttiva 2003/88/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Novembru 2003 li tikkonċerna ċerti aspetti tal-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol[4], id-Direttiva (UE) 2019/1152 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar kondizzjonijiet tax-xogħol trasparenti u prevedibbli fl-Unjoni Ewropea[5], u d-Direttiva 2002/14/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2002 li tistabbilixxi qafas ġenerali dwar l-informazzjoni u l-konsultazzjoni tal-impjegati fil-Komunità Ewropea[6],

– wara li kkunsidra l-ftehim qafas tas-sħab soċjali Ewropej dwar l-istress fuq il-post tax-xogħol (2004),

– wara li kkunsidra l-ftehim qafas tas-sħab soċjali Ewropej dwar il-fastidju u l-vjolenza fuq il-post tax-xogħol (2007),

---

1 ĠU L 183, 29.6.1989, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/1989/391/oj.
2 ĠU L 305, 26.11.2019, p. 17, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2019/1937/oj.
3 ĠU L, 2024/2831, 11.11.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2024/2831/oj.
4 ĠU L 299, 18.11.2003, p. 9, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2003/88/oj.
5 ĠU L 186, 11.7.2019, p. 105, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2019/1152/oj.
6 ĠU L 80, 23.3.2002, p. 29, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2002/14/oj.

– wara li kkunsidra l-qafas strateġiku tal-UE dwar is-saħħa u s-sikurezza fuq il-post tax-xogħol tal-2021–2027, li jistabbilixxi l-prijoritajiet ewlenin għall-antiċipazzjoni u l-ġestjoni tal-bidla fid-dinja l-ġdida tax-xogħol, it-titjib tal-prevenzjoni ta' inċidenti u mard fuq il-post tax-xogħol, u ż-żieda fit-tħejjija għal kwalunkwe kriżi tas-saħħa futura potenzjali,

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-10 ta' Marzu 2022 dwar qafas strateġiku ġdid tal-UE dwar is-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali,

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-5 ta' Lulju 2022 dwar is-saħħa mentali fl-UE fl-era diġitali (2021/2098(INI)),

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-21 ta' Jannar 2021 dwar id-dritt ta' skonnessjoni (2019/2181(INL)),

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar xogħol prekarju u saħħa mentali (SOC/745-EESC-2023),

– wara li kkunsidra l-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-saħħa mentali (15971/23),

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-4 ta' Diċembru 2025 dwar il-pjan direzzjonali għal impjiegi ta' kwalità,

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-7 ta' Ġunju 2023 dwar approċċ komprensiv għas-saħħa mentali,

– wara li kkunsidra l-istudju tad-Dipartiment Tematiku tal-Parlament Ewropew ippubblikat f'Mejju 2023 dwar ir-rekwiżiti minimi tas-saħħa u s-sikurezza għall-protezzjoni tas-saħħa mentali fuq il-post tax-xogħol,

– wara li kkunsidra l-Istħarriġ Ewropew tal-Eurofound dwar il-Kundizzjonijiet tax-Xogħol 2024: L-ewwel sejbiet. Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-EU-OSHA dwar "Ir-riskji psikosoċjali u s-saħħa mentali relatati max-xogħol fis-settur tas-saħħa u l-kura soċjali tal-UE" ippubblikat fit-13 ta' Novembru 2025,

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali dwar il-bażi legali proposta,

– wara li kkunsidra l-Artikoli 47 u 55 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għas-Saħħa Pubblika,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali (A10 0000/2026),

A. billi r-riskji psikosoċjali relatati max-xogħol jirriżultaw primarjament mill-esponiment għal fatturi ta' riskju relatati mal-organizzazzjoni, it-tfassil u l-ġestjoni tax-xogħol, kif ukoll mill-kuntest soċjali u relazzjonali tax-xogħol, u l-kundizzjonijiet tax-xogħol;

B. billi l-esponiment għal fatturi ta’ riskju psikosoċjali bħal ammont ta’ xogħol eċċessiv, pass tax-xogħol mhux raġonevoli, nuqqas ta’ forza tax-xogħol, nuqqas ta’ awtonomija, nuqqas ta’ sigurtà tal-impjiegi, prattiki ta’ ġestjoni ħżiena, prestazzjoni disfunzjonali u sistemi ta’ evalwazzjoni bbażati fuq il-mertu jżidu b’mod sinifikanti r-riskji psikosoċjali relatati max-xogħol;

C. billi l-esponiment għal fatturi ta’ riskju psikosoċjali għandu effetti negattivi serji fuq is-saħħa mentali u fiżika tal-ħaddiema, inklużi l-istress relatat max-xogħol, il-burnout, id-disturbi tal-ansjetà, id-dipressjoni, il-mard kardjovaskulari, id-disturbi muskoloskeletali u l-inkapaċità għax-xogħol fit-tul;

D. billi l-l-Istħarriġ Ewropew tal-Eurofound dwar il-Kundizzjonijiet tax-Xogħol juri li l-esponiment għal intensità għolja tax-xogħol żdied minn 27 % fl-2015 għal 40 % fl-2021 fejn wieħed minn kull tliet impjegati qed jaħdmu b’intensità għolja tax-xogħol, bi skadenzi qosra ħafna jew matul il-ħin liberu tagħhom;

E. billi r-riskji psikosoċjali relatati max-xogħol jiġġeneraw kostijiet soċjali u ekonomiċi sostanzjali, inkluż l-assenteiżmu, il-ħruġ mis-suq tax-xogħol u t-tnaqqis fil-produttività madwar l-Unjoni, li jammontaw għal madwar 60 % tal-jiem tax-xogħol mitlufa fl-UE, u b’hekk jikkontribwixxu għal nuqqas ta’ ħaddiema u żieda fl-intensità tax-xogħol għall-ħaddiema f’organizzazzjonijiet milquta minn tali nuqqas ta’ ħaddiema; billi l-indirizzar tar-riskji psikosoċjali relatati max-xogħol, l-istress u s-saħħa mentali fuq il-post tax-xogħol huwa ta’ benefiċċju kemm għall-ħaddiema kif ukoll għall-impjegaturi;

F. billi l-imġiba soċjali negattiva, inklużi l-abbuż verbali, it-theddid, l-attenzjoni sesswali mhux mixtieqa, il-bullying, il-vjolenza u l-fastidju, għandha impatt partikolarment sever u fit-tul fuq is-saħħa fiżika u mentali tal-ħaddiema, filwaqt li taffettwa b’mod sproporzjonat lill-ħaddiema f’impjiegi fis-settur tas-saħħa, fl-amministrazzjoni pubblika u dawk li jiffaċċjaw il-klijenti; billi l-vjolenza, inkluża l-vjolenza minn partijiet terzi min-naħa ta’ klijenti, pazjenti, riċevituri tal-kura jew utenti tas-servizzi, jenħtieġ li tiġi rikonoxxuta u indirizzata b’mod espliċitu;

G. billi l-qafas tal-UE attwali dwar is-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali (OSH), b’mod partikolari d-Direttiva 89/391/KEE, ma jipprovdix regoli vinkolanti speċifiċi biżżejjed li jiddikjaraw ir-responsabbiltà tal-impjegatur li jindirizza r-riskji kollha;

H. billi hemm varjazzjoni konsiderevoli fil-prevalenza tar-riskji psikosoċjali relatati max-xogħol u fil-mod kif dawn ġew indirizzati fil-leġiżlazzjoni nazzjonali u fil-politiki usa’, inklużi dawk li jimplimentaw il-ftehimiet tas-sħab soċjali Ewropej dwar l-istress relatat max-xogħol u dwar il-fastidju u l-vjolenza; billi tali varjazzjoni tirrifletti d-differenzi fl-istrutturi tas-suq tax-xogħol, fl-oqfsa regolatorji u fil-prattiki ta’ implimentazzjoni, u b’hekk twassal għal livelli inugwali ta’ protezzjoni madwar l-Unjoni;

I. billi r-riskji psikosoċjali relatati mal-klima, inkluż l-esponiment għal eventi u kundizzjonijiet estremi tat-temp u l-eżiti tagħhom, bħall-istress mis-sħana, l-ekoansjetà, u l-istress relatat max-xogħol marbut mat-tranżizzjonijiet ambjentali, huma determinanti sinifikanti tas-saħħa u s-sikurezza tal-ħaddiema; billi l-integrazzjoni ta’ dawn ir-riskji fid-dritt tal-UE timmodernizzah u tiżgura li jibqa’ rilevanti għad-dinja tax-xogħol li qed tevolvi;

J. billi l-EU-OSHA tenfasizza l-importanza ta’ proċessi parteċipattivi ta’ valutazzjoni tar-riskju u l-involviment effettiv tal-ħaddiema u tar-rappreżentanti tagħhom fil-prevenzjoni ta’ riskji psikosoċjali relatati max-xogħol;

K. billi 29 % tal-ħaddiema jirrapportaw li mhumiex infurmati tajjeb ħafna jew li mhuma infurmati xejn dwar il-prevenzjoni tal-istress relatat max-xogħol fuq il-post tax-xogħol tagħhom u dan jindika diskrepanza sinifikanti bejn l-għarfien u l-komunikazzjoni dwar il-prevenzjoni tar-riskju psikosoċjali;

L. billi l-użu dejjem akbar tat-teknoloġiji diġitali, il-ġestjoni algoritmika u l-intelliġenza artifiċjali jikkontribwixxi għat-teknostress, it-tagħbija konjittiva eċċessiva, l-intensifikazzjoni tax-xogħol, l-iżolament soċjali u t-telf tal-awtonomija, u spiss iwassal biex il-ħaddiema jkollhom jadattaw għall-magni minflok ma t-teknoloġija tiġi adattata għall-ħaddiema;

M. billi t-telexogħol u l-arranġamenti tax-xogħol flessibbli, filwaqt li jipprovdu awtonomija u flessibbiltà, ġew assoċjati wkoll ma’ żieda fl-intensità tax-xogħol, interferenza bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, disponibbiltà estiża u l-ħolqien ta’ kultura tax-xogħol fejn tkun “dejjem konness”, li jistgħu jaffettwaw b’mod negattiv is-saħħa mentali jekk ma jkunux regolati kif xieraq;

N. billi n-nisa, il-ħaddiema żgħażagħ u dawk akbar fl-età, il-ħaddiema f’forom prekarji jew mhux standard ta’ impjieg, il-persunal maniġerjali, il-ħaddiema migranti u l-minoranzi etniċi, il-ħaddiema li jgħixu b’kundizzjoni kronika, u l-ħaddiema soġġetti għal monitoraġġ intensiv tal-prestazzjoni u sistemi ta’ ppremjar ibbażati fuq il-mertu huma esposti b’mod sproporzjonat għal riskji psikosoċjali relatati max-xogħol; billi dan mhuwiex dovut għall-vulnerabbiltà individwali iżda huwa riżultat ta’ inugwaljanzi strutturali, żbilanċi tal-poter u prattiki diskriminatorji fl-organizzazzjoni tax-xogħol, inklużi s-sessiżmu, l-etaiżmu, ir-razziżmu, id-diskriminazzjoni abbażi tal-abbilità, id-diskriminazzjoni bbażata fuq il-klassi u d-diskriminazzjoni bbażata fuq l-orjentazzjoni sesswali, l-identità jew l-espressjoni tal-ġeneru; billi dawn il-forom intersezzjonali ta’ diskriminazzjoni jikkostitwixxu fatturi ta’ riskju psikosoċjali fihom infushom;

O. billi l-ħaddiema migranti huma esposti b’mod sproporzjonat għal riskji psikosoċjali fuq il-post tax-xogħol minħabba diversi fatturi bħall-impjieg prekarju, kundizzjonijiet tax-xogħol mhux sikuri, trattament inugwali u ostakli għall-aċċess għad-drittijiet u r-rapportar tal-abbuż; billi l-ħaddiema f’sitwazzjoni irregolari huma partikolarment vulnerabbli għall-isfruttament tal-ħaddiema, il-prattiki abbużivi u l-biża’ ta’ ritaljazzjoni jew deportazzjoni meta jfittxu li jasserixxu d-drittijiet tagħhom; billi dawn ir-riskji huma partikolarment akuti f’setturi bħax-xogħol domestiku, fejn in-nisa migranti huma rrappreżentati żżejjed;

P. billi d-diffikultajiet fir-rikonoxximent legali ta’ mard psikosoċjali relatat max-xogħol li jirriżultaw mill-esponiment għal riskji psikosoċjali relatati max-xogħol u l-fatt li l-oneru tal-provi jitqiegħed fuq il-ħaddiema jikkostitwixxu ostakli kbar għall-prevenzjoni, l-infurzar u l-aċċess effettivi għall-ġustizzja;

Q. billi l-ħaddiema li jirrapportaw għemil ħażin, ksur tas-sikurezza u tas-saħħa okkupazzjonali jew riskji psikosoċjali relatati max-xogħol, kif ukoll xhieda diretti u indiretti, huma partikolarment esposti għal ritaljazzjoni, iżolament, intimidazzjoni u

penali għall-karriera;

R. billi l-prevenzjoni sekondarja għandha rwol ewlieni fil-protezzjoni tas-saħħa tal-ħaddiema billi tippermetti l-identifikazzjoni bikrija ta' ħsara fis-saħħa relatata max-xogħol, b'mod partikolari dawk marbuta ma' riskji psikosoċjali, u billi tiżgura intervent f'waqtu biex tipprevjeni l-aggravament tagħhom; billi dan jinkludi, fost l-oħrajn, mekkaniżmi xierqa ta' monitoraġġ, twissija u appoġġ, inkluż aċċess għal servizzi tas-saħħa okkupazzjonali u miżuri ta' appoġġ rilevanti; billi approċċ strutturat għall-prevenzjoni sekondarja jikkontribwixxi għat-tnaqqis tat-tul tal-assenzi, jiffaċilita ritorn sostenibbli għax-xogħol u jipprevjeni r-rikorrenza, u b'hekk jikkomplementa l-miżuri ta' prevenzjoni primarja;

S. billi r-riskji psikosoċjali relatati max-xogħol huma r-responsabbiltà tal-impjegatur u jridu jiġu indirizzati primarjament permezz ta' miżuri ta' prevenzjoni kollettivi u organizzattivi pjuttost milli permezz ta' strateġiji ta' adattament individwalizzati;

1. Jisħaq fuq il-ħtieġa urġenti li jissaħħaħ il-qafas leġiżlattiv tal-UE dwar il-prevenzjoni, l-identifikazzjoni u l-ġestjoni tar-riskji psikosoċjali relatati max-xogħol u li jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa u s-sikurezza tal-ħaddiema;

2. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jirrikonoxxu b'mod espliċitu li r-riskji psikosoċjali relatati max-xogħol iwasslu għal mard okkupazzjonali, inklużi disturbi tas-saħħa mentali, kif ukoll għal aċċidenti relatati max-xogħol, u jadattaw is-sistemi nazzjonali għar-rikonoxximent, il-prevenzjoni u l-kumpens xierqa tal-mard u aċċidenti fuq il-post tax-xogħol; jistieden lill-Kummissjoni tirrieżamina u, fejn meħtieġ, temenda kif xieraq ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/2337 tat-28 ta' Novembru 2022 dwar l-iskeda Ewropea tal-mard okkupazzjonali;

3. Jitlob li jiġu introdotti mekkaniżmi biex l-oneru tal-provi jinqaleb jew jitnaqqas meta ħaddiem ikun affettwat minn ħsara f'saħħtu minħabba esponiment għal riskji psikosoċjali relatati max-xogħol;

4. Jistieden lill-Istati Membri jiżguraw li l-valutazzjonijiet tar-riskju psikosoċjali jkunu obbligatorji, sistematiċi, parteċipattivi u dokumentati kif xieraq fil-postijiet tax-xogħol kollha, u mwettqa bl-involviment effettiv tal-ħaddiema u tar-rappreżentanti tagħhom; jappella għall-integrazzjoni sistematika ta' perspettiva sensittiva għall-ġeneru u intersezzjonali f'tali valutazzjonijiet, filwaqt li jitqiesu d-diskriminazzjoni u l-inugwaljanzi strutturali;

5. Ifakkar fl-obbligu li l-ħaddiema u r-rappreżentanti tagħhom jiġu infurmati u kkonsultati fl-istadji kollha tal-valutazzjoni, il-prevenzjoni u l-eliminazzjoni tar-riskju psikosoċjali, f'konformità mal-liġi tax-xogħol tal-UE u l-prinċipji tad-djalogu soċjali, filwaqt li tiġi żgurata l-parteċipazzjoni tal-ħaddiema u tar-rappreżentanti tagħhom fil-ħolqien u l-implimentazzjoni ta' miżuri u l-monitoraġġ kontinwu tar-riskji, permezz tal-istabbiliment ta' korpi ddedikati fil-postijiet tax-xogħol fejn ma jeżistux u t-tisħiħ tal-prerogattivi tal-kumitati eżistenti tas-saħħa u s-sikurezza billi jingħataw drittijiet għall-għarfien espert;

6. Jissottolinja r-rwol importanti tas-sħab soċjali u n-negozjar kollettiv fil-prevenzjoni u l-indirizzar tar-riskji psikosoċjali relatati max-xogħol, billi jiġi żgurat djalogu soċjali

strutturat, tissaħħaħ il-protezzjoni tal-ħaddiema, u jiġu promossi postijiet tax-xogħol aħjar għas-saħħa, aktar sikuri u aktar reżiljenti;

7. Jistieden lill-Istati Membri jiżguraw taħriġ obbligatorju u kontinwu għall-impjegaturi, il-maniġers, il-ħaddiema u r-rappreżentanti tal-ħaddiema dwar ir-riskji psikosoċjali relatati max-xogħol u l-fatturi ta' riskju psikosoċjali, inklużi l-fastidju u l-vjolenza, u l-miżuri ta' prevenzjoni;

8. Jissottolinja l-importanza ta' proċeduri ċari, kunfidenzjali, indipendenti u aċċessibbli biex jiġu indirizzati każijiet ta' fastidju, vjolenza u diskriminazzjoni fuq il-post tax-xogħol, filwaqt li tiġi żgurata l-protezzjoni kontra r-ritaljazzjoni u r-rispett għad-drittijiet tal-vittmi;

9. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jsaħħu l-ispettorati tax-xogħol permezz tal-istabbiliment ta' standards minimi fl-UE kollha għall-ispezzjonijiet tax-xogħol fil-qasam tar-riskji psikosoċjali relatati max-xogħol, inklużi taħriġ speċjalizzat, għodod armonizzati ta' valutazzjoni u monitoraġġ, u riżorsi adegwati biex jappoġġjaw il-prevenzjoni u l-infurzar effettivi;

10. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jinkorporaw miżuri ta' prevenzjoni primarji u sekondarji fl-istrateġiji nazzjonali tagħhom dwar is-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali, filwaqt li jiżguraw koordinazzjoni effettiva bejn is-sistemi tal-kura tas-saħħa, l-ispettorati tax-xogħol, u s-sħab soċjali; jenfasizza l-importanza li jittejbu l-ġbir, il-monitoraġġ u r-rapportar ta' data dwar ir-riskji psikosoċjali relatati max-xogħol u l-assenzi assoċjati, il-mard u l-korrimenti okkupazzjonali biex tkun tista' ssir evalwazzjoni aktar preċiża tal-effettività tal-miżuri ta' prevenzjoni u intervent;

11. Jisħaq fuq il-ħtieġa ta' politiki komprensivi ta' ritorn għax-xogħol li jappoġġjaw lill-impjegati wara mard jew diffikultajiet psikosoċjali; iħeġġeġ lill-Istati Membri jiżviluppaw programmi ta' riintegrazzjoni mfassla apposta, inklużi aġġustamenti fuq il-post tax-xogħol, skedi flessibbli, u appoġġ kontinwu għas-saħħa okkupazzjonali; jenfasizza l-importanza tal-kollaborazzjoni bejn l-impjegaturi, il-fornituri tal-kura tas-saħħa, u s-sħab soċjali biex jiġi ffaċilitat ritorn bla xkiel, sostenibbli u inklużiv għax-xogħol, filwaqt li jiġu evitati r-rikaduti u jiġi promoss il-benesseri fit-tul;

12. Jisħaq fuq il-ħtieġa ta' standards minimi fir-rikonoxximent, il-prevenzjoni u l-kumpens ta' riskji psikosoċjali relatati max-xogħol, sabiex jiġu evitati l-frammentazzjoni legali u l-protezzjoni inugwali tal-ħaddiema; jistieden lill-Kummissjoni tipproponi definizzjoni ċara u legalment vinkolanti tar-riskji psikosoċjali relatati max-xogħol u tal-fatturi ta' riskju psikosoċjali, li tkopri r-riskji li jirriżultaw mill-organizzazzjoni tax-xogħol, mill-prattiki tat-tfassil u tal-ġestjoni, mill-kuntest soċjali u relazzjonali fuq il-post tax-xogħol u mill-kundizzjonijiet tax-xogħol, u li tinkludi kwistjonijiet bħall-istress relatat max-xogħol, il-burnout, il-fastidju, il-vjolenza u d-diskriminazzjoni;

13. Jitlob li l-Kummissjoni tippreżenta, sa tmiem l-2026, abbażi tal-Artikolu 153(2), il-punt (b), u l-Artikolu 153(1), il-punt (a), tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, proposta għal direttiva dwar ir-riskji psikosoċjali relatati max-xogħol, l-istress u s-saħħa mentali fuq il-post tax-xogħol, inklużi rekwiżiti minimi bil-ħsieb ta' protezzjoni ta' livell għoli u ekwivalenti għall-ħaddiema kollha fl-Unjoni skont ir-rakkomandazzjonijiet stabbiliti fl-Anness tagħha;

14. Iqis li l-implikazzjonijiet finanzjarji tal-proposta mitluba jenħtieġ li jkunu koperti mill-allokazzjonijiet baġitarji eżistenti;

15. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni kif ukoll ir-rakkomandazzjonijiet li jinsabu fl-anness lill-Kummissjoni u lill-Kunsill kif ukoll lill-parlamenti u lill-gvernijiet tal-Istati Membri.

ANNESS GĦALL-MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI: RAKKOMANDAZZJONIJIET DWAR IL-KONTENUT TAL-PROPOSTA MITLUBA

TEST TAL-PROPOSTA LEĠIŻLATTIVA MITLUBA

Proposta għal

DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar il-prevenzjoni tar-riskji psikosoċjali relatati max-xogħol, l-istress u s-saħħa mentali fuq il-post tax-xogħol

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 153(2), il-punt (b), flimkien mal-Artikolu 153(1), il-punt (a), tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz ta' att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew [1],

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni [2],

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja [3],

Billi:

(1) Il-Parlament Ewropew appella ripetutament għall-adozzjoni ta' direttiva speċifika tal-UE biex jiġi żgurat livell għoli u ekwivalenti ta' protezzjoni kontra r-riskji psikosoċjali relatati max-xogħol għall-ħaddiema kollha fl-Unjoni.

(2) Definizzjoni tar-riskji psikosoċjali relatati max-xogħol u l-fatturi ta' riskju relatati mal-organizzazzjoni, it-tfassil u l-ġestjoni tax-xogħol, il-kuntest soċjali u relazzjonali fuq il-post tax-xogħol u l-kundizzjonijiet tax-xogħol jenħtieġ li tiġi adottata fil-livell Ewropew biex tipprovdi ċertezza lill-impjegaturi u lill-ħaddiema.

(3) Ir-riskji psikosoċjali relatati max-xogħol jenħtieġ li jiġu rikonoxxuti bħala riskji okkupazzjonali skont it-tifsira tal-liġi tal-Unjoni dwar is-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali.

(4) Il-prevenzjoni ta' riskji psikosoċjali relatati max-xogħol jenħtieġ li tkun ibbażata primarjament fuq miżuri kollettivi u organizzattivi, f'konformità mal-ġerarkija tal-prevenzjoni, inkluż l-aġġustament tal-ammont ta' xogħol, il-ħin tax-xogħol, il-kontroll tal-impjieg, il-livelli tal-persunal, il-prattiki ta' ġestjoni u s-sistemi ta' evalwazzjoni tal-

[1] ĠU...
[2] ĠU...
[3] Il-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew ...

prestazzjoni. Jisħaq li t-taħriġ dwar ir-reżiljenza individwali, il-konsulenza jew il-programmi ta' benesseri ma jistgħux jissostitwixxu l-obbligi legali tal-impjegaturi biex jipprevjenu r-riskji psikosoċjali relatati max-xogħol billi jadattaw l-organizzazzjoni, it-tfassil u l-ġestjoni tax-xogħol.

(5) L-Istati Membri jenħtieġ li jipprevedu sanzjonijiet effettivi, proporzjonati u dissważivi għall-ksur tad-drittijiet u l-obbligi kif stipulat f'din id-Direttiva.

(6) L-impjegaturi jenħtieġ li jiżguraw li l-organizzazzjoni tax-xogħol, il-prattiki ta' ġestjoni u s-sistemi ta' evalwazzjoni tal-prestazzjoni jirrispettaw is-saħħa, id-dinjità u d-drittijiet fundamentali tal-ħaddiema,

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

KAPITOLU I

DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

Artikolu 1

Suġġett u skop

Din id-Direttiva tistabbilixxi rekwiżiti minimi għall-prevenzjoni, l-eliminazzjoni jew, fejn dan ma jkunx possibbli, għat-tnaqqis tar-riskji psikosoċjali relatati max-xogħol.

Hija tistabbilixxi obbligi organizzattivi, strutturali u parteċipattivi vinkolanti għall-impjegaturi sabiex tiġi protetta s-saħħa mentali u fiżika tal-ħaddiema u biex jiġu żgurati kundizzjonijiet tax-xogħol sikuri u dinjitużi.

Din id-Direttiva għandha tkun mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet nazzjonali u tal-Komunità eżistenti jew futuri li jkunu aktar favorevoli għall-protezzjoni tas-sikurezza u tas-saħħa tal-ħaddiema fuq ix-xogħol.

Artikolu 2

Kamp ta' applikazzjoni

Din id-Direttiva tapplika għall-ħaddiema fis-setturi kollha tal-attività ekonomika, kemm pubbliċi kif ukoll privati.

Artikolu 3

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta'din id-Direttiva, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) "Riskji psikosoċjali relatati max-xogħol" tfisser riskji relatati max-xogħol li jirriżultaw minn esponiment għal fatturi ta' riskju psikosoċjali relatati mal-organizzazzjoni, it-

tfassil u l-ġestjoni tax-xogħol, il-kuntest soċjali u relazzjonali fuq il-post tax-xogħol u l-kundizzjonijiet tax-xogħol, li jistgħu jaffettwaw is-saħħa mentali u fiżika, is-sikurezza u d-dinjità tal-ħaddiema; tali riskji jistgħu jwasslu, fost l-oħrajn, għal stress relatat max-xogħol, burnout, fastidju, vjolenza, disturbi mentali, dipendenza jew imġiba suwiċidali, mard kardjovaskulari u disturbi muskoloskeletali;

(2) "Stress relatat max-xogħol" tfisser stat ta' pressjoni fiżika, emozzjonali u psikoloġika li jirriżulta minn esponiment fit-tul għall-eżiġenzi tax-xogħol li jaqbeż il-kapaċità jew ir-riżorsi tal-ħaddiem; huwa kkaratterizzat mhux biss minn sentimenti ta' eżawriment, iżda wkoll minn livelli ogħla ta' tensjoni, ansjetà, jew li wieħed iħossu dejjem li wasal "fit-tarf," b'mod li jirrifletti kemm l-attivazzjoni żejda (stress/ansjetà) kif ukoll l-eżawriment (għeja);

(3) "Fatturi ta' riskju psikosoċjali" tfisser fatturi ta' riskju relatati max-xogħol relatati mal-organizzazzjoni, it-tfassil u l-ġestjoni tax-xogħol, il-kuntest soċjali u relazzjonali u l-kundizzjonijiet tax-xogħol tiegħu, inkluż ammont kbir ta' xogħol, intensità għolja ta' xogħol, sigħat twal ta' xogħol, nuqqas ta' awtonomija, nuqqas ta' appoġġ mis-superviżuri, fastidju, vjolenza u mġiba diskriminatorja, eżiġenzi emozzjonali għoljin, intensità diġitali għolja, li wieħed ikun soġġett għal sistemi awtomatizzati ta' teħid ta' deċiżjonijiet jew ta' monitoraġġ, miri mhux realistiċi;

(4) "Prevenzjoni primarja" tfisser miżuri mmirati lejn l-eliminazzjoni u l-prevenzjoni ta' riskji psikosoċjali relatati max-xogħol fis-sors permezz ta' adattamenti għall-organizzazzjoni, it-tfassil u l-ġestjoni tax-xogħol, u l-kundizzjonijiet tax-xogħol;

(5) "Prevenzjoni sekondarja" tfisser miżuri mmirati lejn l-identifikazzjoni bikrija u l-ġestjoni f'waqtha ta' eżiti negattivi emerġenti mill-esponiment għal riskji psikosoċjali relatati max-xogħol sabiex tiġi evitata l-progressjoni tagħhom, jitnaqqas l-impatt tagħhom, u jiġi evitat l-iżvilupp ta' eżiti aktar serji, inkluż permezz ta' skrinjar, monitoraġġ u interventi mmirati għall-ħaddiema li juru sinjali inizjali ta' esponiment jew ħsara.

KAPITOLU II

OBBLIGI TAL-IMPJEGATURI

Artikolu 4

Obbligu ġenerali ta' prevenzjoni

1. L-impjegaturi għandhom jiżguraw il-prevenzjoni tar-riskji psikosoċjali relatati max-xogħol billi:

(a) jevitaw ir-riskji;

(b) jevalwaw ir-riskji li ma jistgħux jiġu evitati;

(c) jiġġieldu r-riskji mis-sors;

(d) jadattaw ix-xogħol għall-individwu, speċjalment fir-rigward tat-tfassil tal-postijiet tax-xogħol, l-għażla tal-apparat tax-xogħol u l-għażla tal-metodi ta' xogħol u produzzjoni, bil-ħsieb li, b'mod partikolari, jitnaqqas ix-xogħol monotonu u x-xogħol b'rata predeterminata ta' xogħol u jitnaqqas l-effett ta' dan kollu fuq is-saħħa;

(e) jadattaw għall-progress tekniku;

(f) jissostitwixxu dak li hu perikoluż b'dak li mhuwiex perikoluż jew li huwa anqas perikoluż;

(g) jiżviluppaw politika ta' prevenzjoni globali u koerenti li tkopri t-teknoloġija, l-organizzazzjoni tax-xogħol, il-kundizzjonijiet tax-xogħol, ir-relazzjonijiet soċjali u l-influwenza ta' fatturi relatati mal-ambjent tax-xogħol;

(h) jagħtu prijorità lil miżuri protettivi kollettivi aktar milli lil miżuri protettivi individwali;

(i) jagħtu istruzzjonijiet xierqa lill-ħaddiema.

2. L-impjegaturi għandhom jiżguraw li r-riżorsi organizzattivi li jappoġġjaw il-prevenzjoni primarja, inkluż l-appoġġ maniġerjali, il-parteċipazzjoni tal-ħaddiema u l-aċċess għat-taħriġ, isiru disponibbli b'mod effettiv għall-ħaddiema kollha.

Huma għandhom jipprovdu wkoll taħriġ regolari u adegwat lill-ħaddiema, lill-maniġers u lis-superviżuri dwar ir-riskji psikosoċjali relatati max-xogħol u l-fatturi ta' riskju relatati mal-organizzazzjoni, it-tfassil u l-ġestjoni tax-xogħol, il-kuntest soċjali u relazzjonali fuq il-post tax-xogħol, u l-kundizzjonijiet tax-xogħol, u l-miżuri ta' prevenzjoni.

3. L-impjegaturi għandhom jadottaw u jimplimentaw kodiċi ta' kondotta li jiddefinixxi u jipprojbixxi l-vjolenza, il-fastidju u l-imġiba diskriminatorja li jimminaw id-dinjità, is-saħħa jew il-benesseri tal-ħaddiema.

4. L-impjegaturi għandhom jimplimentaw ukoll miżuri ta' prevenzjoni sekondarji xierqa, inklużi mekkaniżmi ta' detezzjoni bikrija, aċċess għal servizzi tas-saħħa okkupazzjonali, u appoġġ f'waqtu għall-ħaddiema esposti għal riskji psikosoċjali.

Artikolu 5

Valutazzjoni obbligatorja tar-riskju psikosoċjali

1. L-impjegaturi għandhom iwettqu valutazzjoni tar-riskju psikosoċjali mill-anqas darba fis-sena u kull meta jseħħu bidliet sinifikanti fl-organizzazzjoni tax-xogħol u fir-ristrutturar organizzattiv.

2. Il-valutazzjoni tar-riskju psikosoċjali għandha tevalwa l-fatturi ta' riskju psikosoċjali inkluż l-ammont ta' xogħol, l-intensità tax-xogħol, in-nuqqas ta' awtonomija, is-sigħat twal ta' xogħol, in-nuqqas ta' premji u rikonoxximent xierqa li jirriżultaw minn sistemi ta' prestazzjoni u evalwazzjoni inadegwati, l-eżiġenzi emozzjonali, l-esponiment għal

imġiba soċjali negattiva, l-insigurtà tal-impjiegi, l-interferenza bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, il-konnettività diġitali barra mill-ħin tax-xogħol, jew li wieħed ikun soġġett għal sistemi awtomatizzati ta' teħid ta' deċiżjonijiet jew monitoraġġ;

Tali valutazzjoni għandha tkun ibbażata fuq metodi vvalidati xjentifikament.

3. Meta jwettqu l-valutazzjoni tar-riskju psikosoċjali, l-impjegaturi għandhom jiżguraw il-parteċipazzjoni effettiva tar-rappreżentanti tal-ħaddiema u tat-trade unions u li s-servizzi ta' protezzjoni u ta' prevenzjoni għar-riskji psikosoċjali ddeżinjati skont l-Artikolu 15 jieħdu sehem tul il-proċess kollu.

4. Ir-riżultati tal-valutazzjoni għandhom jiġu ddokumentati u kkomunikati lill-ħaddiema kollha fuq il-post tax-xogħol b'mod aċċessibbli.

Artikolu 6

Pjan ta' azzjoni annwali

1. Abbażi tal-valutazzjoni tar-riskju psikosoċjali, l-impjegaturi għandhom jadottaw pjan ta' azzjoni annwali li jistabbilixxi miżuri konkreti għall-prevenzjoni, l-eliminazzjoni jew it-tnaqqis tar-riskji psikosoċjali relatati max-xogħol. L-impjegaturi għandhom jimplimentaw, jimmonitorjaw u jevalwaw l-applikazzjoni tal-pjan ta' azzjoni annwali.

2. Il-pjan ta' azzjoni għandu jinkludi, fejn rilevanti:

   (a) miżuri biex jitnaqqsu l-ammont eċċessiv ta' xogħol, in-nuqqas ta' ħaddiema, l-intensità tax-xogħol u x-xogħol monotonu;

   (b) limitazzjonijiet fuq is-sahra u s-sigħat tax-xogħol imprevedibbli;

   (c) implimentazzjoni effettiva tad-dritt ta' skonnessjoni;

   (d) miżuri għall-prevenzjoni ta' mġiba soċjali abbużiva bħall-fastidju, il-bullying u l-vjolenza;

   (e) regoli li jirregolaw il-monitoraġġ diġitali, is-sorveljanza u l-użu tal-intelliġenza artifiċjali biex jiġi evitat l-esponiment tal-ħaddiema għal riskji psikosoċjali relatati max-xogħol;

   (f) miżuri maħsuba għall-prevenzjoni ta' disponibbiltà estiża u kulturi ta' xogħol fejn wieħed ikun "dejjem konness", inklużi salvagwardji tekniċi u organizzattivi;

   (g) miżuri mmirati għas-setturi, l-okkupazzjonijiet u l-gruppi ta' ħaddiema identifikati bħala f'riskju ogħla, inklużi servizzi fis-settur tas-saħħa, fl-amministrazzjoni pubblika u li jiffaċċjaw il-klijenti;

   (h) miżuri għal intervent u appoġġ bikri, inkluż l-aċċess għal konsulenza, segwitu tas-saħħa okkupazzjonali u mekkaniżmi li jiffaċilitaw ir-ritorn sostenibbli għax-xogħol.

3. Il-pjan ta’ azzjoni għandu jkun soġġett għall-approvazzjoni mis-servizzi ta’ protezzjoni u prevenzjoni rilevanti għar-riskji psikosoċjali ddeżinjati skont l-Artikolu 15. Ir-rappreżentanti tal-ħaddiema u t-trade unions għandhom ikunu involuti kif xieraq u b’mod sistematiku fit-tfassil, l-implimentazzjoni u l-evalwazzjoni ta’ dan il-pjan.

4. L-impjegaturi għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jipprevjenu, jeliminaw jew inaqqsu r-riskji psikosoċjali relatati max-xogħol identifikati permezz tal-valutazzjoni tar-riskju.

Artikolu 7

Riorganizzazzjoni tax-xogħol u bidla teknoloġika

Kwalunkwe ristrutturar, riorganizzazzjoni tax-xogħol jew introduzzjoni ta’ teknoloġiji ta’ sorveljanza jew ta’ ġestjoni diġitali għandhom ikunu soġġetti għal valutazzjoni tar-riskju psikosoċjali minn qabel.

KAPITOLU III

DRITTIJIET TAL-ĦADDIEMA

Artikolu 8

Dritt għal ambjent tax-xogħol psikoloġikament sikur u għal servizzi ta’ appoġġ rilevanti

Il-ħaddiema għandu jkollhom id-dritt għal ambjent tax-xogħol psikoloġikament sikur li ma jesponihomx għal riskji psikosoċjali kontinwi relatati max-xogħol u għal prattiki degradanti jew umiljanti li jistgħu jirriżultaw f’impatt negattiv sinifikanti fuq is-saħħa fiżika u mentali tagħhom.

Artikolu 9

Dritt għal ritorn għax-xogħol b’miżuri ta’ appoġġ wara ħsara minn esponiment għal riskji psikosoċjali relatati max-xogħol

Il-ħaddiema li kienu assenti mix-xogħol minħabba ħsara f’saħħithom marbuta ma’ riskji psikosoċjali relatati max-xogħol, inkluż stress relatat max-xogħol, burnout, fastidju jew vjolenza, għandu jkollhom id-dritt għal ritorn b’miżuri ta’ appoġġ u sostenibbli għax-xogħol.

L-impjegaturi għandhom jiżguraw li r-ritorn għax-xogħol ikun organizzat b’mod li jipproteġi s-saħħa tal-ħaddiem u jipprevjeni r-rikorrenza tar-riskji li kkontribwew għall-assenza.

Dan id-dritt għandu jifforma parti mill-obbligi tal-impjegatur fil-qafas tal-prevenzjoni sekondarja u terzjarja tar-riskji psikosoċjali relatati max-xogħol.

Artikolu 10

Pjan individwali ta' ritorn għax-xogħol

1. Qabel ma ħaddiem jerġa' jibda jwettaq id-dmirijiet tiegħu wara perjodu ta' assenza marbut ma' riskji psikosoċjali relatati max-xogħol, l-impjegatur għandu jistabbilixxi pjan individwali ta' ritorn għax-xogħol.

2. Il-pjan għandu jiġi żviluppat f'kooperazzjoni mal-ħaddiem ikkonċernat, is-servizzi tas-saħħa okkupazzjonali u r-rappreżentanti tal-ħaddiema, fejn xieraq.

Il-pjan għandu jispeċifika, fejn rilevanti:

a) l-issoktar gradwali tax-xogħol;

b) l-adattamenti temporanji jew permanenti tal-kompiti jew tal-ammont ta' xogħol;

c) l-aġġustamenti għall-ħin tax-xogħol jew l-organizzazzjoni tax-xogħol;

d) il-miżuri li jindirizzaw ir-riskji psikosoċjali relatati max-xogħol li kellhom impatt negattiv fuq saħħithom.

Artikolu 11

Segwitu u prevenzjoni ta' rikorrenza

L-impjegaturi għandhom jiżguraw segwitu regolari matul il-perjodu ta' ritorn għax-xogħol, inkluża l-possibbiltà li jiġi rieżaminat u adattat il-pjan ta' ritorn għax-xogħol.

Fejn meħtieġ, l-impjegaturi għandhom jieħdu miżuri organizzattivi biex jindirizzaw il-fatturi ta' riskju psikosoċjali li kkontribwew għall-assenza tal-ħaddiem.

Il-ħaddiema li jirritornaw wara assenza marbuta ma' riskji relatati max-xogħol ma għandhomx isofru diskriminazzjoni jew trattament negattiv bħala riżultat tal-assenza tagħhom.

Is-sejbiet mill-proċessi ta' ritorn għax-xogħol għandhom jitqiesu fil-valutazzjoni tar-riskju psikosoċjali u fil-miżuri ta' prevenzjoni tal-impjegatur, bil-ħsieb li tiġi evitata r-rikorrenza u jittejbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol.

Artikolu 12

Dritt ta' rapportar u protezzjoni kontra r-ritaljazzjoni

Il-ħaddiema għandu jkollhom id-dritt li jirrapportaw riskji psikosoċjali relatati max-xogħol, inkluż b'mod anonimu.

L-ebda ħaddiem ma għandu jsofri ritaljazzjoni, diskriminazzjoni jew żvantaġġ bħala riżultat ta' tali rapportar.

Dan l-Artikolu għandu japplika mingħajr preġudizzju għad-Direttiva (UE) 2019/1937.

Artikolu 13

Id-dritt ta' skonnessjoni

Il-ħaddiema ma għandhomx jiġu obbligati jinvolvu ruħhom f'komunikazzjonijiet jew f'kompiti relatati max-xogħol barra mill-ħin tax-xogħol tagħhom.

L-impjegaturi għandhom jiżguraw li l-għodod diġitali u l-organizzazzjoni tax-xogħol jappoġġjaw l-eżerċizzju effettiv ta' dan id-dritt.

Artikolu 14

Dritt għall-informazzjoni, il-konsultazzjoni u l-parteċipazzjoni

Il-ħaddiema u r-rappreżentanti tagħhom għandhom jiġu infurmati, ikkonsultati u involuti fl-istadji kollha tal-valutazzjoni, il-prevenzjoni, il-monitoraġġ u l-eliminazzjoni tar-riskji psikosoċjali relatati max-xogħol.

L-impjegaturi għandhom jiżguraw li l-ħaddiema jkunu infurmati b'mod ċar u regolari dwar ir-riskji psikosoċjali relatati max-xogħol u l-miżuri fis-seħħ għall-prevenzjoni tagħhom u għall-mitigazzjoni tal-impatt negattiv tagħhom.

Għandha tingħata attenzjoni partikolari biex jiġi żgurat li l-ħaddiema kollha jifhmu li r-riskji psikosoċjali relatati max-xogħol jirriżultaw minn esponiment għal fatturi ta' riskju psikosoċjali, u n-natura ta' dawk il-fatturi.

KAPITOLU IV

IR-RAPPREŻENTANZA U L-PARTEĊIPAZZJONI TAL-ĦADDIEMA

Artikolu 15

Servizzi ta' protezzjoni u ta' prevenzjoni għal riskji psikosoċjali

1. L-impjegaturi għandhom jiddeżinjaw ħaddiem wieħed jew aktar biex iwettqu attivitajiet relatati mal-prevenzjoni u l-ġestjoni tar-riskji psikosoċjali fl-impriża u/jew fl-istabbiliment.

2. Il-ħaddiema ddeżinjati ma għandhom jitqiegħdu fl-ebda żvantaġġ minħabba l-attivitajiet tagħhom relatati mal-prevenzjoni ta' riskji psikosoċjali. Huma għandhom jingħataw żmien adegwat u riżorsi xierqa biex iwettqu dmirijiethom.

3. Meta l-kompetenzi għat-twettiq tal-attivitajiet imsemmija fil-paragrafu 1 ma jkunux disponibbli fl-impriża u/jew fl-istabbiliment, l-impjegatur għandu jirrikorri għal servizzi esterni kompetenti jew persuni b'għarfien espert fir-riskji psikosoċjali.

4. F'każijiet bħal dawn, l-impjegatur għandu jinforma lil dawk is-servizzi jew il-persuni bil-fatturi rilevanti kollha magħrufa li jaffettwaw, jew li huma suspettati li jaffettwaw, is-saħħa mentali u l-benesseri tal-ħaddiema, inklużi l-organizzazzjoni tax-xogħol, il-kundizzjonijiet tax-xogħol, u r-relazzjonijiet interpersonali fuq il-post tax-xogħol.

5. Fil-każijiet kollha:

— il-ħaddiema ddeżinjati għandu jkollhom il-kapaċitajiet, it-taħriġ u l-mezzi meħtieġa fil-qasam tal-prevenzjoni tar-riskji psikosoċjali;

— is-servizzi esterni jew il-persuni kkonsultati għandu jkollhom il-kapaċitajiet u r-riżorsi professjonali meħtieġa; u

— l-għadd ta' ħaddiema ddeżinjati u servizzi esterni jew persuni kkonsultati għandu jkun biżżejjed, filwaqt li jitqiesu d-daqs tal-impriża u/jew tal-istabbiliment, in-natura tal-attivitajiet, u l-livell u d-distribuzzjoni tal-esponiment għar-riskji psikosoċjali.

6. Il-prevenzjoni tar-riskji psikosoċjali tista' titwettaq minn ħaddiem wieħed jew aktar, minn servizz intern, jew minn servizzi esterni. Dawn l-atturi għandhom jikkooperaw fejn meħtieġ biex jiżguraw approċċ koerenti u effettiv.

7. L-Istati Membri jistgħu jiddefinixxu, fid-dawl tan-natura tal-attivitajiet u d-daqs tal-impriżi, il-kategoriji tal-impriżi li fihom l-impjegatur, dment li jkun kompetenti, ikun jista' jassumi responsabbilità hu stess għall-miżuri msemmija fil-paragrafu 1.

8. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw:

— il-kapaċitajiet u l-kwalifiki meħtieġa fil-qasam tal-prevenzjoni tar-riskji psikosoċjali;

— l-għadd suffiċjenti ta' persuni jew servizzi meħtieġa biex jitwettqu dawn il-kompiti.

Artikolu 16

Konsultazzjoni u parteċipazzjoni tal-ħaddiema

1. L-impjegatur għandu jiżgura li l-ħaddiema u/jew ir-rappreżentanti tagħhom jiġu kkonsultati u jitħallew jieħdu sehem f'diskussjonijiet fl-istadji kollha tal-prevenzjoni u l-ġestjoni tar-riskji psikosoċjali.

2. Tali konsultazzjoni u parteċipazzjoni għandhom jikkonċernaw, b'mod partikolari:

— l-identifikazzjoni u l-valutazzjoni tar-riskji psikosoċjali;

— it-tfassil, l-ippjanar u l-implimentazzjoni ta' miżuri preventivi u pjanijiet ta' azzjoni;

— il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-effettività ta' dawk il-miżuri;

— it-titjib kontinwu tal-politiki u l-prattiki relatati mar-riskji psikosoċjali.

3. Il-ħaddiema u/jew ir-rappreżentanti tagħhom għandhom jingħataw l-informazzjoni, it-taħriġ u l-mezzi meħtieġa biex jipparteċipaw b'mod effettiv fil-proċessi msemmija fil-paragrafu 2.

4. Il-parteċipazzjoni għandha ssir fi żmien xieraq u b'mod sinifikanti, li jippermetti lill-ħaddiema u/jew lir-rappreżentanti tagħhom jikkontribwixxu għat-teħid tad-deċiżjonijiet u għall-iżvilupp ta' miżuri xierqa.

5. Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu għandhom japplikaw mingħajr preġudizzju għal-liġijiet u l-prattiki nazzjonali li jikkonċernaw l-informazzjoni, il-konsultazzjoni u l-parteċipazzjoni tal-ħaddiema.

KAPITOLU V

INFURZAR, ISPEZZJONIJIET U SANZJONIJIET

Artikolu 17

Ispezzjoni tax-xogħol

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet tal-ispezzjoni tax-xogħol jingħataw setgħat, taħriġ, għarfien espert, għodod u riżorsi adegwati fil-qasam tar-riskji psikosoċjali relatati max-xogħol, inkluż bil-ħsieb li jidentifikaw, jivvalutaw u jinvestigaw dawn ir-riskji b'mod effettiv.

Artikolu 18

Preżunzjoni legali u oneru tal-provi

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, meta ħaddiem jistabbilixxi fatti li minnhom jista' jiġi preżunt li kien espost għal fatturi ta' riskju psikosoċjali relatati max-xogħol u sofra ħsara f'saħħtu kompatibbli ma' tali esponiment, għandu jiġi preżunt li l-ħsara hija relatata max-xogħol.

2. F'każijiet bħal dawn, l-oneru tal-provi għandu jaqa' fuq l-impjegatur, li għandu juri li:

(a) kienu ttieħdu miżuri preventivi xierqa f'konformità ma' din id-Direttiva; u

(b) il-ħsara fis-saħħa mhijiex marbuta mal-kundizzjonijiet tax-xogħol.

3. L-Istati Membri jistgħu jipprevedu dispożizzjonijiet aktar favorevoli, inklużi mekkaniżmi biex jittaffa l-oneru tal-provi.

Artikolu 19

Monitoraġġ u ġbir ta' data

Il-Kummissjoni Ewropea, f'kooperazzjoni mal-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kundizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol (Eurofound) u l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol (EU-OSHA), għandha timmonitorja x-xejriet fir-riskji psikosoċjali relatati max-xogħol fl-Istati Membri kollha, sabiex tivvaluta l-effettività ta' din id-Direttiva.

Artikolu 20

Sanzjonijiet

L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar is-sanzjonijiet applikabbli għall-ksur tad-dispożizzjonijiet nazzjonali adottati skont din id-Direttiva, u għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li jiġu implimentati. Is-sanzjonijiet previsti għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi. L-Istati Membri għandhom, mingħajr dewmien, jinnotifikaw lill-Kummissjoni b'dawk ir-regoli u dawk il-miżuri u għandhom jinnotifikawha, mingħajr dewmien, bi kwalunkwe emenda sussegwenti li tolqothom.

KAPITOLU VI

DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

Artikolu 21

Non-rigressjoni

L-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva m'għandhiex tikkostitwixxi raġuni għat-tnaqqis tal-livell ta' protezzjoni diġà mogħti lill-ħaddiema.

Din id-Direttiva ma għandhiex taffettwa l-prerogattiva tal-Istati Membri li japplikaw jew li jintroduċu liġijiet, regolamentazzjoni jew dispożizzjonijiet amministrattivi li huma aktar favorevoli għall-ħaddiema jew li jinkoraġġixxu jew jippermettu l-applikazzjoni ta' ftehimiet kollettivi li huma aktar favorevoli għall-ħaddiema.

Artikolu 22

Implimentazzjoni

1. L-Istati Membri għandhom, f'konformità mal-liġi u l-prattika nazzjonali tagħhom, jieħdu miżuri adegwati biex jiżguraw l-involviment effettiv tas-sħab soċjali u biex jippromwovu u jtejbu d-djalogu soċjali bil-ħsieb li tiġi implimentata din id-Direttiva.

2. L-Istati Membri jistgħu jinkarigaw lis-sħab soċjali bl-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva meta s-sħab soċjali jitolbu b'mod konġunt li jagħmlu dan u dment li l-Istati Membri jieħdu l-passi kollha meħtieġa biex jiżguraw li fi kwalunkwe mument jistgħu jiggarantixxu r-riżultati li din id-Direttiva mistennija twassal.

3. L-awtonomija tas-sħab soċjali għandha tiġi rrispettata. L-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jippermettu li s-sħab soċjali, taħt kundizzjonijiet speċifiċi, iżommu, jinnegozjaw, jikkonkludu u jinfurzaw ftehimiet kollettivi li jvarjaw minn ċerti dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva, filwaqt li jirrispettaw il-protezzjoni ġenerali tal-ħaddiema.

Artikolu 23

Traspożizzjoni

L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex ikunu konformi ma' din id-Direttiva fi żmien sentejn minn meta tidħol fis-seħħ. Huma għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tal-miżuri ewlenin tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

NOTA SPJEGATTIVA

Ir-riskji psikosoċjali relatati max-xogħol jirrappreżentaw sfida dejjem akbar għas-saħħa u s-sikurezza fuq il-post tax-xogħol fl-Unjoni Ewropea. Bidliet profondi fl-organizzazzjoni tax-xogħol, fil-prattiki ta' ġestjoni u fil-kundizzjonijiet tal-impjieg żiedu b'mod sinifikanti l-esponiment għal riskji psikosoċjali relatati max-xogħol fis-setturi u l-okkupazzjonijiet kollha. Dawn ir-riskji jirriżultaw primarjament mill-organizzazzjoni, it-tfassil u l-ġestjoni tax-xogħol, kif ukoll mill-kuntest soċjali u relazzjonali li fih jitwettaq ix-xogħol u l-kundizzjonijiet tax-xogħol.

Ammonti eċċessivi ta' xogħol u ta' intensità tax-xogħol, nuqqas ta' awtonomija, sigħat twal ta' xogħol, nuqqas ta' sigurtà tal-impjieg, imġibiet soċjali negattivi, u nuqqas ta' premjijiet u rikonoxximent xierqa li jirriżultaw minn sistemi ta' prestazzjoni u evalwazzjoni ħżiena huma fatturi ta' riskju psikosoċjali rikonoxxuti li minnhom joħorġu r-riskji psikosoċjali. Dawn il-fatturi jikkontribwixxu għal stress relatat max-xogħol, burnout, fastidju, vjolenza u diskriminazzjoni, li għandhom konsegwenzi serji u fit-tul għas-saħħa mentali u fiżika tal-ħaddiema, inklużi disturbi tal-ansjetà, dipressjoni, mard kardjovaskulari u inkapaċità għax-xogħol fit-tul. Minbarra l-impatt tagħhom fuq il-bniedem, ir-riskji psikosoċjali relatati max-xogħol jiġġeneraw kostijiet soċjali u ekonomiċi sostanzjali, inklużi l-assenteiżmu, il-ħruġ mis-suq tax-xogħol u t-tnaqqis fil-produttività.

Il-qafas attwali tal-UE dwar is-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali, b'mod partikolari d-Direttiva 89/391/KEE, jistabbilixxi prinċipji ġenerali għall-prevenzjoni iżda ma jipprovdix dispożizzjonijiet speċifiċi, vinkolanti jew armonizzati biżżejjed li jindirizzaw ir-riskji psikosoċjali relatati max-xogħol. Barra minn hekk, l-implimentazzjoni tal-ftehimiet tas-sħab soċjali Ewropej dwar l-istress relatat max-xogħol u dwar il-fastidju u l-vjolenza fuq il-post tax-xogħol għadha tvarja ħafna bejn l-Istati Membri u s-setturi, u dan jirriżulta f'livelli diverġenti ta' protezzjoni għall-ħaddiema.

L-iżviluppi reċenti marbuta mad-diġitalizzazzjoni komplew jintensifikaw ir-riskji psikosoċjali relatati max-xogħol. L-użu dejjem akbar tat-teknoloġiji diġitali, il-ġestjoni algoritmika, l-intelliġenza artifiċjali u s-sistemi awtomatizzati ta' monitoraġġ tal-prestazzjoni kkontribwew għat-teknostress, l-intensifikazzjoni tax-xogħol, l-iżolament soċjali u t-tnaqqis fl-awtonomija. Dawn l-iżviluppi jqajmu tħassib dwar il-ħtieġa li jiġi żgurat li l-organizzazzjoni tax-xogħol tibqa' adattata għall-ħaddiema, f'konformità mal-prinċipji fundamentali tas-saħħa u s-sikurezza fuq il-post tax-xogħol.

L-evidenza turi li l-esponiment għal riskji psikosoċjali relatati max-xogħol huwa distribwit b'mod mhux uniformi. Ċerti gruppi ta' ħaddiema, inklużi n-nisa, il-ħaddiema żgħażagħ u dawk akbar fl-età, il-ħaddiema f'impjieg prekarju, il-persunal maniġerjali u l-ħaddiema soġġetti għal monitoraġġ intensiv tal-prestazzjoni, huma affettwati b'mod sproporzjonat. Dan l-esponiment sproporzjonat jirrifletti l-inugwaljanzi strutturali, l-iżbilanċi tal-poter u l-prattiki diskriminatorji fl-organizzazzjoni tax-xogħol. Għalhekk, l-indirizzar tar-riskji psikosoċjali relatati max-xogħol jirrikjedi l-integrazzjoni ta' perspettiva sensittiva għall-ġeneru u intersezzjonali fil-politiki ta' prevenzjoni.

Ir-rapport jissottolinja wkoll l-isfidi relatati mar-rikonoxximent legali ta' mard relatat max-xogħol li jirriżulta mill-esponiment għal riskji psikosoċjali relatati max-xogħol u l-oneru tal-provi mqiegħed fuq il-ħaddiema. Dawn id-diffikultajiet ifixklu l-prevenzjoni, l-infurzar u l-

aċċess għall-ġustizzja effettivi. Ir-riskji psikosoċjali relatati max-xogħol jistgħu jwasslu għal mard okkupazzjonali, inklużi disturbi tas-saħħa mentali, kif ukoll għal aċċidenti relatati max-xogħol, iżda s-sistemi ta' rikonoxximent u kumpens għadhom frammentati madwar l-Istati Membri.

Il-prevenzjoni effettiva tar-riskji psikosoċjali relatati max-xogħol trid tkun ibbażata primarjament fuq miżuri kollettivi u organizzattivi, f'konformità mal-ġerarkija tal-prevenzjoni. Ir-riċerka u l-gwida mill-aġenziji tal-UE jenfasizzaw l-importanza ta' proċessi parteċipattivi ta' valutazzjoni tar-riskju u l-involviment effettiv tal-ħaddiema u tar-rappreżentanti tagħhom. Strateġiji individwalizzati ta' adattament jew inizjattivi ta' benesseri ma jistgħux jissostitwixxu l-obbligi tal-impjegaturi li jadattaw l-organizzazzjoni u l-kundizzjonijiet tax-xogħol.

Fl-aħħar nett, dan ir-rapport jenfasizza l-ħtieġa għal approċċ tal-UE aktar koerenti u armonizzat għar-riskji psikosoċjali relatati max-xogħol. Huwa jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta proposta għal direttiva speċifika tal-UE li tistabbilixxi rekwiżiti minimi vinkolanti għall-prevenzjoni, ir-rikonoxximent u l-ġestjoni ta' riskji psikosoċjali relatati max-xogħol. Inizjattiva bħal din hija meħtieġa biex tiżgura livell għoli u ekwivalenti ta' protezzjoni għall-ħaddiema kollha fl-Unjoni, il-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità.

ANNESS: DIKJARAZZJONI TAL-KONTRIBUT

F'konformità mal-Artikolu 8 tal-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura, ir-rapporteur tiddikjara li fir-rapport tagħha inkludiet kontribut dwar kwistjonijiet li għandhom x'jaqsmu mas-suġġett tal-fajl li rċeviet għat-tħejjija tal-abbozz ta' rapport, mingħand ir-rappreżentanti ta' gruppi ta' interess li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar Reġistru Obbligatorju ta' Trasparenza[1]li ġejjin, jew mingħand ir-rappreżentanti ta' awtoritajiet pubbliċi ta' pajjiżi terzi, inklużi l-missjonijiet diplomatiċi u l-ambaxxati tagħhom, li ġejjin:

1. Rappreżentanti ta' gruppi ta' interess li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar Reġistru Obbligatorju ta' Trasparenza
European Trade Union Confederation (ETUC)
European Trade Union Institute (ETUI)
Industriall
Eurocadres
Eurofound
European Agency for Safety and Health at Work (EU-OSHA)
European Public Service Union (EPSU)
Mental Health Europe
UNESSA
IDF Europe
ESMO
SGI
2. Rappreżentanti ta' awtoritajiet pubbliċi ta' pajjiżi terzi, inklużi l-missjonijiet diplomatiċi u l-ambaxxati tagħhom
Xejn

Il-lista ta' hawn fuq hija mfassla taħt ir-responsabbiltà esklużiva tar-rapporteur.

Meta persuni fiżiċi jkunu identifikati fil-lista b'isimhom, bil-funzjoni tagħhom jew bit-tnejn li huma, ir-rapporteur tiddikjara li ppreżentat lill-persuni fiżiċi kkonċernati l-Avviż tal-Parlament Ewropew Nru 484 dwar il-Protezzjoni tad-Data (https://www.europarl.europa.eu/data-protect/index.do), li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet applikabbli għall-ipproċessar tad-data personali tagħhom u d-drittijiet marbuta ma' dak l-ipproċessar.

[1] Il-Ftehim Interistituzzjonali tal-20 ta' Mejju 2021 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar Reġistru Obbligatorju ta' Trasparenza (ĠU L 207, 11.6.2021, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_interinstit/2021/611/oj).